KUNGRESS NAZZJONALI

HENRY FRENDO

# Storja u Għarfien: Il-Maltin min Huma?

## L-IDENTITÀ KULTURALI TA' MALTA

OFFPRINTS

MZT,AB
P.B. 129
F

HENRY FRENDO

# Storja u Għarfien: Il-Maltin min Huma?

Waqt il-quddiesa Awstraljana l-kredent jiċċelebra d-dubju meta jkanta dan il-kliem: "Huwa dan jien, Mulej?"

Hi mistoqsija li tapplika għall-bniedem individwali daqskemm għal poplu sħiħ. Fil-każ individwali jaf ikun hemm relazzjoni personali ma' essri suprem, mentri l-imħallef terrestri m'hu ħadd ħlief l-individwu nnifsu. Allura meta nitkellmu fuq kollettivita', jew soċjeta', mnejn se nibdew nagħarfuha, u nħażżu xi identiti-kit tagħha? Il-Malti anzi jgħid "mitt bniedem mitt fehma" (għad li fil-milja taż-żmien, jekk mhux ukoll fil-ħajja ta' kuljum, xejn ma jġib ruħu hekk).

Min dejjem għex fl-istess post, jaf jara - jew mingħalih li jara - lilu nnifsu fl-oħrajn ta' madwaru li jidhru bħalu u allura lanqas tant jistaqsi għala jew kif. Iżda min, għal raġuni jew oħra, sab ruħu fl-emigrazzjoni, kellu jfittex il-mera (jew imqar biċċa ħġieġa) ħalli bħas-serv ta' Robinson Crusoe jara wiċċu, jara kif jidher hu u kif jidher ukoll quddiem l-oħrajn li mhux dejjem kienu bħalu jew għarfuh. Fi kliem ieħor l-emigrat iħoss il-ħtieġa iktar forsi minn ħaddieħor li jagħraf lilu nnifsu fuq il-livell kommunitarju xejn inqas milli fuq dak individwali. X'aktarx ukoll li għex id-diffikultà kultant kattiva li tqarreb jew tbiegħed dawn it-tnejn f'soċjetà li m'hix dik proprja tiegħek.

Hemm daż-żgur l-idea rinaxximentali tal-bniedem universali – l-id t'Alla ġġonġi ma' dik tal-bniedem – u tabilħaqq li ċerti kwalitajiet umani u ċerti ċirkostanzi jirrendu lill-individwu kapaċi jimraħ qatigħ, u anki jaġġusta, u anki jinħeles sa ċertu punt minn piżijiet ta' l-imgħoddi; u hu kif imbiddel u uliedu stess fl-ambjent l-ieħor jistgħu forsi lanqas jingħarfu, jew huma jagħrfu lil min tahom il-ħajja. Imma l-verità hi li anki l-ulied xi ftit ifittxu l-egħruq: mnejn ġew, kif sabu ruħhom fejn qegħdin. Din l-esperjenza, din il-ħtieġa għall-mirja li int u l-oħrajn iħarsu fihom, taf tkun l-iktar mod ħaj li jġiegħel lil dak li jkun jistaqsi min hu, mnejn feġġ, x'jiddistingwih, xi jseddqu u x'ifaqqru, x'jagħmlu sħiħ jew immankat

f'ambjent mhux tant familjari, u x'inhu wara kollox l-ambjent tiegħu. L-emigrant jistaqsi mhux biss mnejn hu imma għalfejn hu, sakemm hu.

L-implikazzjoni fil-bidu ta' ħajja ġdida hi li, mingħajr bażi ta' kontinwità, din tinħtieġ l-ewwel nett il-mewt tal-ħajja l-oħra.

Għexieren ta' eluf ta' Maltin u Għawdxin fid-Dinja l-Ġdida jafu jisfgħu bħal arloġġi wieqfa fl-ispirtu ta' ġenshom: il-minutieri fil-post fejn kienu meta seħħet is-separazzjoni aħħarija minn arthom snin qabel. Bħal arzell fil-blat, tilmaħ fihom l-ilwien xi ftit sfukati imma s-sinjali ċari, kristalli mwebbsa. L-alternattiva l-oħra hi l-ħarba mill-passat, anki mill-ġens stess... ix-xewqa għal assimilazzjoni u akkulturament, biex l-emigrant jew ta' lanqas uliedu jintegraw u jsiru xi ħadd ieħor, inqas kospikwi, inqas huma.

Qed insemmi l-estremi biex noħroġ il-kuntrasti għax tassew m'għandniex għalfejn inħarsu daqshekk fil-bogħod biex insibu lill-emigrat.

Il-ġibda lejn l-ixximjottar u t-tgħawwiġ kif ukoll dik lejn l-assoluti u l-pretensjonijiet hi qawwija fil-Malti għal ħafna raġunijiet.

Art ċkejkna. Popolazzjoni mrassa għad li ferm limitata. Suq pjuttost ristrett għal dak li hu bażiku u immedjat. In-nies taħbat f'xulxin wiċċ imb'wiċċ u sikwit tiġi minn xulxin. Gżira mdawra bil-baħar; mingħajr *terra ferma*, mingħajr *hinterland*; żvog trid tfittxu bħal delizzju. Riżorsi naturali ftit li xejn ħlief in-nies stess tal-lokal, il-ġebla, il-portijiet, u x-xemx. Gżira li tul is-sekli għaddiet minn ħakma stranġiera għal oħra, minn kultura dominanti għal kultura dominanti fuqha, minn sett ta' valuri u metodi li jidħru għal sett ieħor fuqhom, jew magħhom, jew kontriehom... saff fuq saff. B'parċmini u karti mogħtija u meħudin lura bħallikieku kostituzzjoni ma kienet hekk xejn. Dawn huma ftit mill-fatturi li setgħu ffaċilitaw l-ixximjottar u t-tgħawwiġ.

Daqstant ieħor, imma, dawn kienu fatturi li rrendew lill-abitanti li għal sekli għexu hawn nies differenti, identifikabbli bħala ġens separat, għalih, wieħed mill-iċken minoritajiet etniċi-lingwistiċi fid-dinja.

Wieħed storiku Ingliż darba staqsa jekk medda ta' art tant żgħira setgħetx tissaporti l-irjieħ li jonfħu fuqha minn naħa għall-oħra.[1]

Mistoqsija fil-laħam il-ħaj għal osservatur imgħaġġel li faċli jħoss l-irjieħ jaħkmu; inqas faċli għalih li jsib il-ħarrub u l-imħar. Fl-aħħar mill-aħħar anki qasba tixxejjer mar-riħ għandha għerq fil-ħamrija u fiżjonomija tagħha.

Meta nistaqsu l-Maltin min huma rridu nfittxu l-ħarruba u l-imħara mingħajr ma ninsew li, veru, m'hemmx xi prototip impekkabbli u dan ma

hemm qatt; veru, m'hemmx razez puri hawn, anzi għandna waħda mill-iżjed razez imħalltin fid-dinja; veru, m'hemmx assoluti statiċi, la lingwistiċi, la reliġjużi u lanqas etniċi. Imma hemm l-Istorja. Fuq kollox l-għarfien jiġi mill-Istorja. Mhux l-Istorja tal-politikanti, lanqas l-Istorja tal-qassisin, u lanqas għal kollox l-Istorja ta' l-istoriċi.

Qed ngħid għal x'għadda mingħalih dak li għex u miet hawn, welled u bena hawn, mingħajr lapes u karta żara' u kebbes iz-zkuk, ħawwel u żabar; dawk li żebgħu ċ-ċarruta u dawk li fil-leġġendi seħtu lil-lifgħa; dawk li ħallsu ġidhom biex infdew minn milord ħalliel; dawk li nħbew fil-għerien mill-pirati, li skennew mix-xita taħt ħajt tas-sejjieħ, li staħbew mill-bombi fix-xelter; dawk li fuq l-inkwina mmartellaw il-għodda u dawk li mit-tafal għamlu l-fuħħar; dawk li bennu lit-trabi u sqewhom, u l-oħrajn li bnew is-swar u t-tempji l-qodma, u t-tempji l-ġodda, li żejnu bl-irħam, bil-fided, u bid-damask; u dawk li studjaw u ħadmu kif setgħu fost nieshom, u anki kitbu dwarhom biex ta' warajhom ikunu jafu xi ħaġa dwar ta' qabilhom. Dawn l-istess nies li bħal kulħadd minn żmien għall-ieħor inħabbu u nbagħdu, ingħaqdu u nfirdu (għad li l-Maltin bejniethom ftit li xejn kienu jitqatlu).

Dawn tul is-sekli għaġnu u ntgħaġnu, b'memoriji u drawwiet, li fil-medda tal-ħajja tawhom it-titlu ta' Maltin. Saru hekk mingħajr ma kellhom wisq jedd fuq ġrajjiethom, mingħajr ma ndunaw eżattament x'kien ġara, forsi mingħajr ma jafu x'kienu sewwa sew, jew f'liema punt daħlu fiż-żmien.

In-nazzjonalità u l-kuxjenza tagħha huma kumplementari imma differenti. Hemm imbagħad is-sens superfiċjali tan-nazzjonalità: is-salib tat-tmien ponot jew il-*George Cross,* bħala l-marka fuq l-elmu, biex jingħarfu l-kuluri f'tellieqa. Iktar fil-fond hemm id-drawwiet soċjali - popolari li jixirfu per eżempju f'festi tradizzjonali l-aktar għeżież għal niesna, bħall-Imnarja, il-Vitorja jew San Girgor. [2] Hemm il-kuxjenza aktar sħiħa, aktar pura, meta dak li jkun ikun għaraf igħożż il-lingwa u jħaddimha bir-rispett li jixirqilha bħala mezz li jgħolli mhux ibaxxi lil min jitkellimha jew jiktibha, jismagħha jew jaqraha. Wieħed Malti żvinturat darba kiteb li min jinsulta lil ilsienu jinsulta lilu nnifsu għax l-ilsien hu l-poplu, li hu n-nazzjon.[3] Permezz ta' l-ilsien imħaddem u li jartikola l-ħsieb allura tiżviluppa l-letteratura, tinkiteb l-Istorja fl-istess idjoma ta' dawk li jagħmluha, fl-ilsien nattiv tisma' l-mużika bil-widna, ixxomm in-narċis fl-ambjent naturali. Jekk jinħallu lsienu l-bniedem iqis aħjar anki l-iktar valuri sempliċi, innoċenti u primittivi, u jikkomunika ma' ieħor bħalu b'moħħu u b'qalbu. Hawnhekk allura nibdew niskopru

mhux iċ-ċittadinanza mħażża fuq passaport imma n-nazzjonalità ġewwenija tal-bniedem.

L-ilsien żgur hu fattur ewlieni fit-tweġiba għall-mistoqsija "min aħna?" Jekk m'huwiex l-aktar fattur deċiżiv jew definittiv, jibqa' dejjem ewlieni għaliex hu marbut organikament ma' l-Istorja, hu mezz tagħha, kerrej u ġerrej tagħha. Pajjiżi bħall-Awstralja, l-Amerika u l-Kanada fittxu u għadhom ifittxu ħerqana li jkollhom identità nazzjonali. Ilsien għalihom, bħall-Maltin, m'għandhomx: ħadu dak ta' l-Inglizi. Lanqas huma bilingwi jew trilingwi, bħat-tfal ta' l-iskola Maltin. Imma naraw il-multilingwiżmu u l-multikulturaliżmu jsiru ftit ftit karatteristika nazzjonali; id-diversita` aċċettata u mħaddma fis-sistema tibda ssir aspett ta' uniċità f'dawn il-pajjiżi kbar, relattivament ġodda u etnikament imħallta.

Storikament, sew id-diffikultà u sew l-oriġinalità tan-nazzjonalità Maltija jinsabu qabel xejn fid-dikotomija lingwistika - kulturali.

Jekk inħarsu biss lejn l-ilsien, ma nsibux poplu Ewropew. Ma jfissirx li biex tkun Ewropew irid ikollok ilsien romanz: l-Ingliż u t-Tedesk huma ġermaniċi, u l-ilsna slavi m'humiex inqas ewropej minn dawk romanzi. Ifisser iżda li fil-kuntest ġeo-lingwistiku Mediterraneju, l-antenati jidher li minn żmien żemzem użaw ilsien semitiku li, kif nafu, l-egħruq tiegħu baqgħu Semitiċi. L-istudjużi tal-lingwa bħal Saydon, (u iktar tard Aquilina li influwenza l-ġenerazzjoni tiegħi) għallmuna li l-Malti xorob minn egħjun orjentali għal żmien twil u li għamel hekk b'mod ċar fil-qasam reliġjuż.

Hawn tikber id-dikotomija bejn ilsien u kultura għaliex, kif nafu, l-Alla Malti hu Kristjan u mhux Islamiku.

Fil-kuntest ġeokulturali mediterraneju, u fid-deher, ir-reliġjon u l-ilsien huma żwiemel tat-taqbid f'tornament tabilħaqq medjevali. Il-kontradizzjoni qiegħda fil-moħħ, iżjed milli fl-istorja. Għax wara kollox il-Kristjaniżmu hu reliġjon Orjentali, saret Ewropeja wara. Saret Ewropeja u għenet biex, kif igħid Toynbee, iffurmat lill-Ewropa.

Ilsien l-abitanti lokali qabel il-wasla ta' San Pawl jidher li kien adegwat għall-espressjoni tat-twemmin il-ġdid. Il-lingwa Maltija kif evolviet wara l-miġja ta' l-Għarab sabet dejjem aktar influwenzi u żidiet minn ilsna mitħaddta u miktuba fuq il-kontinent, sew ilsna romanzi bħall-Isqalli, l-Ispanjol, u l-Franċiż, kif ukoll riċentement fuq kollox l-Ingliż. Meta bdiet tinkiteb, inkitbet ġeneralment fl-iskritt ruman. Mela assumiet xeħta, libsa u sura ewropeja meta ma kenitx hekk fl-oriġni u fil-bażi.

Jekk inħarsu lejn is-sistemi u livelli ta' organizazzjoni umana, x'insibu? Insibu li Malta għaddiet mill-fażijiet kollha li b'mod jew ieħor jaslu biex

isawru stat modern, anzi stat ewropew. Il-pedamenti meħtieġa għal dan qegħdin hemm diġà fl-Istorja u, permezz tagħha, fil-kuxjenza kollettiva. Malta taħt ir-Rumani rat il-kodiċi tal-proprjetà u taċ-ċittadinanza. Wara, rat ir-reċiproċità miftiehma fir-rapport bejn sid u serv tal-fewdaliżmu. Rat taħt il-kavallieri epitomu tal-kulturi ewlenin ewropej bl-użanzi u l-kostumi li ġiebu: rat ukoll, grazzi għal dawn, il-ġenesi ta' stat rinaxximentali b'elementi kostitwenti ta' sovranità minkejja fewdaliżmu nominali. Rat integrazzjoni sħiħa fl-isfera usa' tal-Kattoliċiżmu Ruman bil-benefiċċji u l-inkiżizzjonijiet tiegħu. Kienet suġġetta għal rivalitajiet imperjali bejn l-aqwa potenzi minn Kartaġni u Ruma sa Franza u l-Ingilterra. Gżira mela mhux għal kollox iżolata.

Issa l-gażiba hi jekk dawn l-episodji waqgħux fuqha bħal ilma fuq dahar ta' papra. Ma ninsewx li għal ħafna minnhom il-Maltin kienu spettaturi iżjed milli parteċipanti.

Madankollu, Malta rat ukoll żmien ta' awtonomija fejn nies tal-lokal li kellhom ċerta statura għarfu jmexxu parti sewwa mill-ħtiġiet pubbliċi. Fejn inħasset il-ħtieġa, rat elementi rappreżentattivi jsemmgħu leħinhom għan-nom ta' niesha. Minn qabel il-miġja tal-Kavalieri, kellha aristokrazija. Minn qabel il-miġja tal-Franċiżi, kellha Università. Rat ukoll u b'persistenza akbar żmenijiet ta' ripressjoni, ta' sfruttament, fejn l-abitanti indiġeni kienu jitqiesu bħala t-tieni jew it-tielet klassi ħdejn razez oħra u ħdejn barranin għonja li jiġu hawn, u kienu jkunu trattati hekk anki legalment.[4]

Imma kien hemm ruħ Maltija, kien hemm demm ibaqbaq f'dan il-ġisem.

Il-ħakma Franċiża ħasdet *status quo* anakronistiku, kif ukoll x'aktarx deġenerat. Biss, il-ħafna kliem u wegħdiet ta' ħelsien, ta' ugwaljanza u fraternità malajr inkixfu bħala fiergħa u foloz fil-prattika.

Id-despotiżmu Franċiż f'Malta, bħal f'pajjiżi oħrajn fejn ivvjaġġa l-Bonapartiżmu, kebbes forsi l-ikbar fjamma ta' reżistenza popolari-patrijottika li qatt għexna bħala poplu. (Fuq skala ferm ikbar, ngħidu aħna mis-*Sette Giugno* li ġara mija u għoxrin sena wara). Għad li f'termini ta' żvilupp politiku sekulari d-dinja kienet għadha 'l bogħod mill-istat modern, bl-eċċezzjoni biss ta' xi ftit pajjiżi, madankollu l-ħmira kienet hemm, u kienet għammiela.

Hawn nidħlu fl-isfera tal-kolonjaliżmu Ingliż, b'influwenza lil Malta u lill-Maltin ferm iżjed milli donnhom jirrealizzaw in-nies ta' llum. U dan mhux biss jew tant fit-trinek tad-drenaġġ, jew l-asfaltar tat-toroq għall-militar, jew l-impiegi skond il-bżonn għat-tiswija tal-bastimenti navali

jew merkantili, jew il-bini ta' xi *breakwater*. Essenzjalment il-ħakma Ingliża kienet f'kontinwità twila ma' sistemi oħra ta' arbitriju li ġew qabilha u s'hawnhekk ma kinitx bidu ġdid. Ġenerali Ingliżi flok Ġenerali Franċiżi flok Gran Mastri u Ammiralli. Kif urejt band'oħra Malta għall-Ingliterra ma kenitx sempliċi kolonja imma fortizza, speċi ta' *aircraft carrier*. Dan influwenza ħafna mhux biss l-Istorja kostituzzjonali, jekk tista' ssejħilha hekk, lanqas biss il-politika u l-ekonomija, imma r-relazzjonijiet tal-Maltin bejniethom. Fi tliet ġenerazzjonijiet wara l-qawmien għalenija kontra l-Franċiżi daħlet firda li qabel ma kienx hemm: f'mumenti ġiet l-għaqda għax kien hemm tir komuni, u f'ċerti ċirkostanzi, bħal fis-*Sette Giugno,* ittrijonfa fuq kulħadd is-sentiment nazzjonali. Iżda għal diversi raġunijiet iż-żerriegħa tal-firda fost il-Maltin infushom inżergħet b'mod ftit jew wisq sottili taħt l-Ingliżi, mill-Ingliżi u oħrajn miġbudin lejhom, għal skopijiet politiċi-strateġiċi, li nisslu interessi, opportunitajiet, aspettattivi, perċezzjonijiet, inċertezzi u ostilitajiet korrispondenti.

Għandna mhux biss eċċessi drammatiċi, bħall-qtil kiesaħ u biered ta' dimostranti mhux armati jew tant każi ta' internament, ta' deportazzjoni jew eżilju, mingħajr rikors għall-Qrati; inkella l-isgassar ta' xi skrivanija f'dar privata. Dawn huma d-duħħan tal-vulkan mill-bogħod. Hemm dinamika sħiħa li tidher inqas: il-barma tal-firda, it-tkeskis u l-manipulazzjoni, li kien hawn min għoxa fihom.

F'ittra ta' l-1883 li jien sibt tlettax-il sena ilu f'Londra, għandna d-duttrina ta' Lwogotenent Gvernatur li bla tlaqliq tiġbor kollox fiha u hi bħas-semm fiż-żerriegħa għas-saqwi. Bil-Malti, il-parir ta' dan kien hekk:

Ninsistu li kull min jingħata ħatra pubblika jkun jaf bl-Ingliż. Ma naħtru lil ħadd u ma nagħtu promozzjoni lil ħadd jekk dan ma jkunx jifhem tajjeb ferm bl-Ingliż. Inħallsu lis-servizz pubbliku tajjeb u naraw li l-uffiċjali pubbliċi jkunu komdi kemm jista' jkun. U ara li dawk li jopponu l-Ingliż jifhmu li l-oppożizzjoni tagħhom iċċaħħadhom minn kull tama ta' xi impieg jew xi favur mill-Gvern. F'kelma waħda, nappellaw għall-interessi personali tagħhom. Jien ftit li xejn jimpurtani mil-Liċeo u mill-Universitajiet. Nieħdu ħsieb sewwa ta' l-iskejjel primarji, naraw li t-tfal subien u bniet jiġu mgħallma l-Malti u l-Ingliż, u fi żmien għoxrin sena ma jkun hemm ebda ċans għat-tixrid ta' ideat italjanisti.[5]

Fi kliem ieħor: lil dawk edukati u kuraġġużi biżżejjed biex jopponuna nneħħulhom it-tapit minn taħt saqajhom billi nrawmu ġenerazzjoni

imperjalista, li mbagħad iddur kontriehom u teliminahom. Hekk kellha tispiċċa darba għal dejjem l-affinità ta' Malta ma' l-ideat "italjanisti". Dan kien ħafna snin qabel ma tfaċċa l-faxxiżmu fl-Italja. Dan kien il-"faxxiżmu kolonjalista" mwebbel b'politika paranojka, u ggwidat minn manjieri militari ta' ġenerali u lwogotenenti li fl-amministrazzjoni pubblika kellhom formazzjoni ftit aħjar milli kellhom fiċ-ċivilità ewropeja jew almenu fil-kultura latina. Biss lis-sikrana narawha tinbet, u ġardinara jsaqquha sabet ukoll.

Mal-ħażin kien hemm ukoll it-tajjeb. L-Ingliżi bdew kultant jintroduċu ideat liberali li fl-aħħar mill-aħħar servew biex ippermettew lil Malta toħroġ mill-għawġ bit-tama mnaqqxa fuq moħħha, jekk mhux ukoll bi tbissima fuq fommha. Il-Malti jirrifletti insigurtà u dispożizzjoni fatalista fl-istess proverbji tiegħu meta jsostni li kull deni tieħdu b'ġid; li jingħalaq bieb jinfetaħ ieħor; li mill-mitluf tieħu li tista'; anki li tħobb l-id li tixtieq maqtugħa. Passività fir-rieda determinata mill-impotenza fil-kundizzjoni storika; għad li madankollu kien hemm kważi dejjem individwi u gruppi li stinkaw għall-kisba ta' libertajiet civili u politiċi.

Fi qbil ma' tibdil fl-Ingilterra stess u f'partijiet oħra ta' l-Ewropa – taħt l-Inglizi – rajna jidħlu f'Malta, għall-ewwel darba, ċerti drittijiet u aspettazzjonijiet li llum huma x'aktarx aċċettati bħala stil ta' ħajja u manjiera ta' ggvernar. Ideat u riformi li għenu biex il-Maltin biż-żmien, fuq l-esperimenti li kienu raw, jifformulaw kostituzzjoni definittiva biex igħixu flimkien fi gżirithom meta din fl-aħħar saret tagħhom fl-1964. L-idea li seta' jkollok gazzetti stampati b'opinjonijiet diversi, anki kuntrarji, kienet mezz biex, mingħajr ċensura ta' l-Istat, tista' tifforma opinjoni pubblika. L-idea li persuni setgħu jagħżlu bejniethom min kellu jingħata ċerti karigi u jieħu ċerti deċizjonijiet billi jintuża l-vot, u li dan ikun sigriet, bdiet tafferma l-prinċipju tar-rieda tal-maġġoranza.

Meta bdew deħlin bidliet liberali bħal dawn pajjiżi ferm akbar fl-Ewropa stess kienu mċaħħdin minnhom u f'ċerti pajjiżi fl-Ewropa għad hemm illum ix-xenqa profonda għalihom. Fi kliem ieħor, l-Ingliżi kultant irrispondew tajjeb għal domandi u talbiet sostnuti mill-kawża nazzjonalista għal aktar libertajiet u għal aktar awtonomija. Dawn l-iżviluppi progressivi seħħew b'risposta għat-talbiet ripetuti għalihom li saru minn mexxejja u esponenti Maltin, bħal Ġorġ Mitrovich fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax.

L-akbar fosthom kien proprju Fortunat Mizzi, mill-1880 'il quddiem. Dan beda mix-xejn, qata' bi snienu, ma kienx jaf x'jista' jiġri u ma kellux triq faċli quddiemu... żamm dejjem ġiehu u ma nxtara qatt. Kien Malti

ta' fibra. Qal :"hawn tagħna, mhux tagħhom, mela hawn għandu jsir dak li nixtiequ aħna, mhux dak li jidhrilhom huma." Il-viżjoni ġenerali tiegħu kienet li Malta kienet pajjiż Mediterraneju Latin, Ewropew għax bl-istorja u l-kultura tiegħu kien hekk. Kien pajjiż żgħir u dgħajjef u fqir u seta' allura jibbenefika minn xi aspetti ekonomiċi tal-preżenza Ingliża, imma kien poplu b'nozzjoni stabbilita ta' ċiviltà ewropeja; kien kattoliku; u kellu għal xi ħames jew sitt sekli bħala l-ilsien uffiċjali jew pubbliku tiegħu t-Taljan. Il-Mizzijiet u s-segwaċi tagħhom kienu jħobbu jgħidu li filwaqt li l-Imperu Britanniku seta' jispiċċa, il-geografija ta' l-Ewropa kienet tibqa' li hi, jiġifieri jiġri x'jiġri d-distanza bejn Malta u l-Italja kienet se tkun dejjem l-istess. Ma ninsewx li kien hemm preżenza Taljana qawwija fix-xtut ta' l-Afrika ta' Fuq ukoll, fit-Tripolitanja, fl-Eġittu, fit-Tuneżija.

Ma ridux li l-Ingliż ikun impost, u wisq inqas li jitwarrab min-nofs it-Taljan; lanqas ma riedu li flok it-Taljan jiddaħħal il-Malti, li qabel l-1931 ma kellux ortografija aċċettata u sa fejn żviluppa letteratura din kienet influwenzata l-iktar minn ħsibijiet u stili Taljani. [6] Intqal xi diskors, per eżempju dwar l-ilsien Malti, li llum ma naċċettawhx.

Bis-saħħa ta' l-Ingliż, li llum sar lingwa internazzjonali aktar milli kien qabel, daħal il-Malti – daħal xi ftit mit-tieqa, bħala lingwa uffiċjali u studjata f'Malta. Dan ukoll wirt tal-kolonjaliżmu Ingliż. Kontrieh u pjuttost minħabba fih, bdiet it-tifsila ta' Malta bħala nazzjon li jaspira li jkun stat, speċjalment minn madwar seklu ilu, wara l-ftuħ tal-Kanal tas-Suez u l-unifikazzjoni ta' l-Italja u tal-Ġermanja.

Kien fl-1885 li Fortunat Mizzi, Għawdxi, iffissa jum biex dan jibda jkun imfakkar bħala l-jum nazzjonali ta' Malta. Kien f'dak l-istess jum, nhar it-8 ta' Settembru, li f'Misraħ il-Palazz, kunsillier nazzjonalista, l-avukat Zaccaria Roncali għajjat minn fuq il-palk: "VIVA MALTA! MALTA HI TAL-MALTIN MHUX TA' L-INGLIŻI!" Kien spjuna fuqu wieħed Malti imperjalista, ċertu Scebberras, li sostna mal-Gvernatur li n-nazzjonalist kien saħansitra saħaq li l-Ingliżi kellhom jitilqu 'l barra minn Malta. Qamet allura kwistjoni sħiħa mal-Gvernatur. In-nazzjonalist ċaħad li kien qal lill-Ingliżi biex jitilqu 'l barra, imma sostna l-ewwel parti ta' l-appell tiegħu. [7]

Dan il-moviment kien wieħed minn ta' l-ewwel nett li organizzaw ruħhom fl-istorja ta' l-Imperu – *l-Indian Congress Party*, wara kollox, twaqqaf fl-1885.

Insibu persunalitajiet oħra bikrija li hejjew is-sisien f'dik il-ħabta. Anki qabel id-dħul ta' Mizzi nsibu lil persunalità li nistgħu nqisuh bħala

l-ewwel politiku professjonali li pproduċiet Malta, b'karriera twila fil-ħajja pubblika li tibda diġà fl-1870. Salvu Cachia Zammit, miż-Żejtun, kien bniedem struwit u jaqra, dejjem infurmat u aġġornat, moderat u anki liberali, impenjat u oratur; kien kunsillier eżemplari li kien jaf sew bl-Ingliż u sew bit-Taljan.

Insemmi wkoll lil Siġismond Savona, bin biljettinar mill-Belt, li trawwem fl-ambjent Ingliż u għola permezz ta' hekk, imma li kien bniedem kapaċi u kellu kuxjenza soċjali; kellu wkoll ħakma tajba tal-kelma sew dik Ingliża kemm dik Maltija u ġabar warajh uċuh ġodda li qabel forsi ma tantx ħassew ruħhom involuti fil-politika. Savona tgħallem taħt il-bakketta reġimentali u, wara, spejjeż tiegħu. Kien iktar kumplikat għax minn banda ra x'seta' jakkwista mingħand l-Ingliżi, u ra wkoll x'kien jaqblilhom fil-prattika l-massa tan-nies ġaladarba kien jemmen li l-Imperu Ingliż kien glorjuż u trijunfanti. Kiseb għalhekk il-fama ta' imperjalist u kollaboratur u baqa' sa l-aħħar jippropaga t-tagħlim ta' l-Ingliż u tal-Malti. Iżda wara li serva u qeda mill-koxxa lill-gvern kolonjali, kisirha miegħu, u beda ġlieda fuq il-linja nazzjonalista, anzi ttanta jkun nazzjonalist iżjed min-nazzjonalisti. F'ċertu waqt kien hemm anki fużjoni jew għaqda ta' forzi politiċi fis-sens li kulħadd sar "riformista" jew "unjonista" fil-kampanja għal gvern responsabbli. Minkejja ċerti żgarraturi u pożizzjonijiet inizjali rinunċjati, Savona sab postu wkoll fil-moviment ġenerali għall-awtonomija... ammetta li strateġikament kien ħabbat bieb ħażin u ma riedx ighix gidba. Biss offra viżjoni alternattiva u llum nistgħu tabilħaqq inħarsu lejn Savona u Mizzi bħala l-fundaturi tal-bipartitiżmu Malti, li f'bosta aspetti baqa' tipiku tal-Maltin.

Dawn ix-xorta ta' skontri u battuti jirrepetu ruħhom, bi ħuxija ferm akbar, fi żmenijiet ħafna iżjed qrib tagħna,u speċjalment minn erbgħin sena 'l hawn.

Ma neskludix, iżda, li l-Istorja għad tqiegħed viċin xulxin persunaġġi li minħabba xi twebbil pikuż jew ferfuxi tal-mument marru jiddistakkaw ruħhom – u jimlew b'dan lis-segwaċi l-aktar akkaniti tagħhom – minn avvenimenti u ġrajjiet li huma kkontribwew għalihom ukoll, li huma għandhom sehem minnhom ukoll. Qed ngħid speċifikament għall-Indipendenza, miksuba f'Settembru 1964. X'inhu li jwassal tassew għal imġiba bħal din fil-gżira ta' Malta?

Fil-bidu ta' dan is-seklu, *royal commissioners* Ingliżi osservaw li l-Maltin kellhom xeħta aħjar mill-Isqallin u t-Taljani tan-naħa t'Isfel u almenu fl-ibliet kienu inqas somor minnhom; deħrilhom ukoll li l-Maltin kienu razza b'saħħitha u felħana, b'reputazzjoni għall-għaqal, għax-

xogħol, u jibżgħu għas-sold. Sabu li l-Maltin kien jilħqilhom u kienu jafu jadattaw. Imma komplew jistqarru li kollox ma' kollox, dawn il-Maltin donnhom kienu "neqsin mill-fiduċja fihom infushom u f'xulxin." Osservaw ukoll li n-nies"ftit li xejn kienu jafu kif jikkoperaw bejniethom."[8] Biss, kienu marbutin mal-gżejjer għeżież tagħhom u (almenu sa dan iż-żmien) rari kienu jemigraw lejn pajjiżi mbiegħda. Din id-deskrizzjoni nsib li hi sinċiera, u f'dan il-kamp tippermettilna nifhmu aħjar kif politikanti kolonjali u lokali setgħu jimmanipulaw u jagħġnu lil min naqsitu xi ħaġa jew qarsu xi ħadd, igħaġġbuhom, fi kliem ieħor setgħu jimmanuvraw b'interessi personali, u jqiegħdu lil dawn fuq interessi u ideat ikbar u usa', ngħidu aħna fuq l-idea tan-nazzjon. Mingħajr in-nozzjoni stess ta' individwu ċittadin, kellek lit-tali jew it-talija fil-kuntest immedjat u personali, għaġina f'idejn min ried jinqeda u jisserva b'ħaddieħor biex jasal fejn ried hu, bla ma l-ieħor jintebaħ. Anzi l-qawl Malti jgħid li l-ibleh jifraħ meta taqlagħlu għajnejh; u jqis li l-Malti bħala kelb tiegħu nnifsu! Kienet Malta, mela, kommunità iżjed milli soċjetà? Kienet iktar potenzjalment nazzjon milli potenzjalment stat modern? Moderna u żviluppata lanqas tant kienet. Dan kien ċokon u faqar li ma kienx esklussivament dovut għad-daqs jew għall-mezzi, iżda għal fatturi oħra kumplementari, iktar mistura, kważi tribali, b'riħa qawwija ta' misteru u superstizzjoni. Forom kumplessi ta' biża', ta' inċertezza, ta' fidi għamja, ta' gwadan fil-but, ta' rassenjazzjoni għall-awtorità u fl-istess waqt stmerrija tagħha, ta' anarkiji regolati, suspetti, tidwir u tgħawwiġ "biex iġġibha żewġ".

Qed niddeskrivu kommunità jew soċjetà li baqgħet essenzjalment pre-industrijali: "primittiva" bis-sbuħija u s-seħer kollu tagħha, bl-ispontanjetà u l-innoċenzi tagħha. F'dan is-sens, osservatur kontemporaneju allura – mitlub li jagħżel dak li jagħti identità lil Malta – iħoss it-tentazzjoni li forsi jxebbah ċerta mġiba ma' dik ta' tifel jew adolexxent: id-daħka u l-imqarbizza, ir-rabta ċoff, il-ġenwinità u l-inġenwità. Din hi komunità fejn fi triq f'raħal il-ġâra minn jeddha tagħtik l-ilma meta dan jinqata' u inti tkun se tibqa' b'xejn; fejn il-ġâra, li abbli ma tkun qatt ratek qabel, tiġi tgħarrfek – mhux tħabbatlek fuq il-bieb, tgħajjat minn nofs it-triq – jekk hi tkun semgħet li se jinqata' l-ilma jew id-dawl, biex tippermettilek timla barmil jew tixgħel xema'. Tara nisa tad-dar darba darbtejn kuljum jaħslu l-faċċata, inaddfu l-għatba u l-biċċa bankina quddiemha, u jixkupaw kollox sa nofs it-triq. Komunità din fejn tant nies jiddilettaw jittrottjaw lill-poni; itajru l-ħamiem; jonsbu l-griedel; irejxu għal-lampuka. Fejn kontinwament tisma' nies igħajtu flok

jitkellmu; u fejn id-dagħa sikwit jimla l-vojt fid-diskors jekk mhux ukoll jissostitwih. Fejn l-anonimità hi ferm 'il bogħod, u t-titwil minn wara l-persjani għadu komuni. Tal-pjaċir, u jilħqulek salibek ukoll. X'aktarx iqasqsu iktar milli jaħsbu, jitlewmu iktar milli jirraġunaw, jaqlu u jagħtu gambetti lil xulxin, u jbellhu lil osservaturi barranin bil-għadd ma jaqta' xejn ta' libelli u kontro-libelli u dan minn mindu bdew jidhru l-ġurnali f'dawn il-gżejjer seklu u nofs ilu. L-ewwel il-persuna, imbagħad naraw. Id-djar ukoll bl-ismijiet; toroq bla numri. Pajjiż li għandu bosta toroq, u tidwir, anki xi pontijiet u mini – toroq ġeneralment mhux immarkati jew immarkati ħażin, mingħajr dwal jitfu jixegħlu, u allaħares tkun taf issuq wisq. Pajjiż ukoll li għal sekli kellu Università u skola tal-Mediċina li setgħet tifforma nies professjonali lokalment flok timportahom minn barra, wisq inqas teżilja lil tagħha; *campus* madankollu bla ħanut tal-kotba jew imqar spiżerija fih.

Pajjiż b'ċerti kumditajiet li min dara bihom jista' jassumihom: per eżempju l-bejjiegħa jiġuk wara biebek, ipaqpqu kull wieħed b'ħorn differenti; tal-pitrolju u tal-gass, tal-ħobż u tal-qagħaq, tal-ħaxix u tal-pasti. Iż-żibel jinġabar kuljum. Flotot ħomor ta' *mini-buses* iwasslu lit-tfal l-iskola minn wara bieb sa wara bieb, x'kumdità din; vantaġġi taċ-ċokon, u ta' l-organizzazzjoni soċjali.

Insemmi żewġ aspetti iktar serji, u nerġgħu nimirħu għall-eżempji fl-emigrazzjoni... qed ngħid għall-aspett reliġjuż u għal dak li jirrigwarda l-okkupazzjonijiet. Min huma l-Maltin hawnhekk?

Wieħed mill-aspetti ewlenin tal-ħajja Maltija li dejjem impressjona osservaturi, per eżempju fl-Afrika ta' Fuq, kien mhux tant il-Kristjaniżmu daqskemm ir-reliġjożità x'aktarx fanatika fl-espressjoni tiegħu. Din kienet tagħti identità fis-sens li kienet turi li l-Maltin ma kenux Misilmin għaliex ir-ritwali tagħhom kienu differenti; imma daqstant ieħor kienet tesponihom ukoll bħala mhux eżattament Ewropej, mhux tant xettiċi jew riservati. Wieħed Franċiż-Alġerin miżżewweġ ma' mara ta' nisel Malti fissirha f'dan il-kliem:

"Is-sens morali ma kienx żviluppat fihom; imma lanqas kien imtaffi għal kollox bħal dak tal-biċċa l-kbira ta' residenti barranin mill-ibliet il-kbar ta' l-Ewropa... Dawn il-Maltin hekk profondament kattoliċi li jipprattikaw kult kważi fanatiku kienu jiddistingwu ruħhom mill-Ewropej l-oħrajn".[9]

Dawn ma kenux riflessjonijiet biss ta' xi Franċiż forsi ateju. Ġiżwita Taljan, Baragli, fl-1955 iddiskriva lil Malta bħala "fewdu t'Alla", fejn il-popolazzjoni kollha kienet tieħu sehem f'festivall ta' kult sħiħ.[10]

Fi kliem ieħor, it-tradizzjoni kienet qawwija u distinta: il-festa tarraħal, anki l-għana spirtu pront, baqgħu imfittxija u pprattikati f'art imbiegħda bħall-Awstralja. Dawn it-tradizzjonijiet narawhom jispikkaw fil-Maltin l-aktar meta nħarsu lejhom mill-bogħod; min ikun midħla tagħhom iħosshom mingħajr ma forsi tant jifhem l-uniċità tagħhom, għad li fihom hemm ukoll elementi mediterraneji u tan-Nofsinhar.

Biss wieħed jinnota ċerta' immobbiltà, forsi karatteristika iżolana b'baħar jaqsam, forsi n-nuqqas ta' ċaqliq minħabba fruntieri dojoq, jew forsi (kawża wkoll ta' dawn il-fatturi) il-għamla ta' drawwiet ta' rutina. Wieħed jistaqsi jekk il-minutieri ta' l-arloġġ hawn ukoll humiex weqfin, jew forsi jimxu aktar bil-lajma; hijiex il-ħajja Maltija bħal inkwatru fi gwarniċ, inkwatru mpitter min jaf minn min għal min; inkella tfakkrekx almenu kultant fil-linji mħaffrin fiż-żonqor jiżżerżqu għal ġol-baħar? Fl-istorja politika, ngħidu aħna, kellna kontinwitajiet kważi-dinastiċi: Fortunat u wara Nerik Mizzi; Siġismond u wara Willie Savona; Gerald u wara Mabel Strickland. Imma kemm hi tabilħaqq ġusta, iktar ma jgħaddi ż-żmien, din id-definizzjoni ta' statiċità linejari mill-missier għall-iben, tad-dejjem ta' dejjem?

Jew hemm ħtijiet oħra mhux mistqarra, u li allura la jista' jkun hemm indiema minnhom u wisq inqas maħfra għalihom – xi konsegwenzi ta' ħajja pubblika, fil-mentalità u l-aġir ta' min mexxa – li karkru u iktar iffossilizzaw ċerti attitudnijiet?

Storikament hemm elementi qawwija fil-Malti li m'huma statiċi xejn, anzi huma l-maqlub. Il-Malti ma kienx biss sajjied, kien ukoll baħħâr, forsi mhux tant esploratur jew avventurier, imma kursar u baħri – jibbordja u jinnaviga. Ras imb'ras għall-popolazzjoni tagħna hu fatt tal-meravilji li din il-gżira żgur ipproduċiet l-ikbar rata ta' emigranti fid-dinja kollha, bl-eċċezzjoni forsi tad-*diaspora* Lhudija. Għalhekk il-Malti iżolan, x'aktarx magħluq fil-fehmiet tiegħu, nieqes minn orizzonti ġodda u magħġun għal-lest, sa fejn dan hu veru żgur m'huwiex ġeneralment applikabbli.

Issib djamanti mhux imnaddfa, bil-ponot iniggżu, ħtija ta' kejl li fih il-miżuri ma jwasslux. Anki fost il-komunitajiet ta' Maltin imbiegħda f'pajjiżi li avanzaw fit-tagħlim u fix-xjenza moderna, il-ġibda kontra l-ftuħ tal-moħħ tobrom mill-qiegħ. Dan jafu mill-esperjenza min għallem mijiet ta' studenti f'Universitajiet fejn hemm gzuz ta' Maltin u wild ta' Maltin, u b'danakollu studenti ta' dixxendenza Maltija trid tfittixhom b'nemes. Dan ukoll qed jinbidel biż-żmien, imma bil-mod, u ż-żmien ma jistenniex. Apparti l-minoranza ta' nies li ħallew Malta b'sengħa u

rarament – qabel snin iktar riċenti – xi professjonist, fl-irkejjen ta' dak li kien l-Imperu Ingliż kif ukoll fix-xtut ta' l-Afrika ta' Fuq, b'xi eċċezzjonijiet ta' suċċess notevoli fl-biedja u anki fl-intrapriża, it-tendenza kienet li l-Maltin igħabbu u jħottu fuq il-moll, iduru b'xi kikkra tè , jagħmluha ta' pitkali, iġorru u jiġġebbdu, inkella jarmaw b'xi bottegin, jixtru bl-ingrossa u jbigħu bl-imnut. Fi kliem ieħor, sengħa ftit kellhom, kienu jiddependu fuq iż-żgur u ġeneralment jibżgħu mis-suq u mill-innovazzjoni. Kienu wkoll nies fil-biċċa l-kbira minnhom għad li mhux dejjem mansi, dħulin, twajbin, andanti, ħabrieka; u dawk li maqtugħin minn nieshom u li fil-miżerja żammew dehenhom, kienu l-ikbar fost il-bnedmin.

Il-kulturi Maltin huma mżewqa... hemm dawk ta' l-ibliet u dawk ta' l-irħula li m'huma xejn inqas minnhom; hemm il-Maltin ta' Malta u l-Maltin ta' barra li jafu jkunu f'ċertu sens aktar Maltin; hemm l-identitajiet differenti ta' bliet u rħula, u l-gżira ta' Għawdex b'xi karatteristiċi oħrajn; mużajk ta' nisġiet. Għax avolja l-gżira żgħira, hi xiħa fiż-żmien, rikka fil-ġrajja, il-memorji jtulu u jikkomplikaw ruħhom.

It-tama hi li bil-mod il-mod Malta qiegħda ssir u tista' ssir dak li nsejħulu stat modern. Stat modern: mhux stat bla ruħ; mhux stat bla twemmin, jew bla prinċipji, jew bla kostituzzjoni vera. Nazzjon konxju, li jifli u mhux izekzek, li jappartjeni mhux biss għall-baħar imma wkoll għall-art, li ma jtirx mar-riħ, ma jaħrabx u ma jintilifx. Hemm sinteżi mediterraneja li toħroġ mid-dimensjonijiet ewropej u imperjali fi ġrajjietna. Dan hu hekk fuq il-livell soċjo-politiku b'xebh ma' dak li rajna fil-qasam lingwistiku-kulturali. Sa fejn Malta ssir stat modern, is-soċjetà tavanza fuq il-komunità, it-tiftix għall-verità fuq ir-rinforzi għall-preġudizzju, il-ħsieb fuq it-tqasqis, id-dubju spirat fuq il-fidi għamja, il-kritika oġġettiva fuq il-ftaħir u t-tifħir; l-irrappurtar fuq l-ivvintar ta' l-aħbarijiet; dak li jiġi minn ġewwa fuq dak li jiġi minn barra; minn taħt għal fuq u mhux dejjem bil-maqlub bħal qabel, b'interazzjoni bejn it-tnejn.

Sa l-Indipendenza u permezz tagħha, ġraw żewġ affarijiet fundamentali li għenu biex igħaqqdu lil niesna f'poplu bil-ħila li jkun stat modern Ewropew.

L-ewwelnett, fil-moviment nazzjonalista jew partrijottiku minn żmien il-qawmien kontra l-Franċiżi 'l hawn, u iktar u iktar minn seklu 'l hawn, kien hemm ftit jew wisq ghadu komuni, biex insejħulu hekk: ġens differenti, setgħat superjuri, l-istess likk fuqiex timmira l-boċċi. Qed ngħid dan b'mod ġenerali, għax f'mument jew ieħor rajna mexxejja ewlenin fl-iżjed fażi bikrija-formattiva tal-karrieri tagħhom, imilu lejn soluzzjoni aħħarija f'forma ta' xi federazzjoni jew integrazzjoni ma'

pajjiż ieħor ikbar minn Malta u b'xi mod viċin tagħha. Dawn kienu devjazzjonijiet, jew forsi forom anki fl-istess sfond tal-ġlieda nazzjonalista, fis-sens li warajhom kien hemm il-ħtieġa li l-gżira la tibqa' waħedha f'nofs baħar li jaf ikun imqalleb, u lanqas tara lil uliedha ttrattati bħala inferjuri. Kemm Nerik Mizzi u kemm Duminku Mintoff ma xtaqux jaraw gżira eternament periferali u dipendenti, mingħajr suq imfettaħ bi sfidi ikbar, mingħajr jedd ta' sehem f'deċiżjonijiet li jinteressawha u jolqtuha.

F'kuntest storiku kolonjali u imperjalista, proposti bħal dawn dehru f'antagoniżmu ma' xulxin u bilfors ħolqu ħafna kontroversji. Illum jafu jitgħannqu u jissarrfu f'viżjoni waħda filosofika, kulturali u anki ekonomika għall-ġejjieni.

It-tieninett, ma' l-Indipendenza l-ħtieġa li dejjem tara kif se tirribatti għal dak li jgħid jew jagħmel il-gvern kolonjali, li ma kienx gvern elett jew rappreżentattiv, suppost spiċċat, jew almenu naqset. Il-gvern sar Malti. Il-preokkupazzjoni li dejjem tipprova xxejjen id-definizzjoni ta' ħaddieħor imposta fuqek, anki bħala poplu, kellha tonqos jekk mhux ukoll tintemm. Dawk id-definizzjonijiet dehru aktar f'saħħithom għax kienu mantnuti minn forzi spettakolari bil-mezzi kollha għal impożizzjoni minn fuq, f'nisġa imperjali sħiħa li fuqha x-xemx ma kellha tnin qatt. Ma ninsa qatt riferenza mħażża li sibt għal xi ħadd, li kont naf li hu Malti, bħala "barrani"; dan kien każ fis-snin sebgħin tas-seklu li għadda. Meta l-uffiċjal Ingliż l-ieħor staqsa jekk dan kienx Ingliż, it-tweġiba kienet li dak la kien jaf bl-Ingliż u lanqas kien Protestant! Allura min-naħa tal-mexxejja Maltin kien hemm bżonn tal-formulazzjoni, forsi anki xi ftit ta' l-invenzjoni ta' kontro-kultura, ta' kontro-definizzjoni, ta' storja kemm jista' jkun imponenti ta' unur u ta' dritt. Għalfejn? Biex juru li l-Maltin ma kenux sempliċi "nativi", li Malta ma kenitx bastiment navali, li l-Maltin kien jisthoqqilhom aħjar, li dawn kienu nazzjon mill-iżjed ċivilizzat u rispettabbli, anzi kienu diġa' ċivilizzati b'tempji majestużi meta l-Ingliżi kienu għadhom slavaġ għarwenin u miżbugħa; li kienu wkoll imma nies fidili u lejali u ta' min jafdahom. Kienu nsara aktar mill-insara, ewropej iktar mill-ewropej kemm jekk għedna Taljani, jew Ingliżi, jew imqar xi ġens ieħor ukoll. Biex issir il-ġlieda anti-kolonjali u għall-kawża kostituzzjonali, kien hemm bżonn il-mit. Issa li ġiet l-Indipendenza nħalluna mill-miti u nduru dawra madwarna, sakemm ma dħakniex bina nfusna darba għal dejjem.

Id-diffikultajiet huma kbar. Zimmern iddeskriva hekk l-għawġ li jaf jiltaqa' miegħu poplu li jkun kiseb l-indipendenza, wara żmien twil ta' tħassib u tixwix, tnaqqir u tnassis li jaffettwa allura mhux tant l-ideat

daqskemm il-personalità u l-aktar dik ta' min ikun iċċappas jew forsi tant ra kbir li fil-frattemp tilef ruħu:

Tibqa' xorta waħda t-tranja ta' l-oppressjoni... il-memorji qarsa u l-intolleranza mnibbta tad-drawwiet servili u opportunistiċi (wire-pulling), ta' intrigu u aġitazzjoni li inevitabbilment isiru parti minn individwi jew gruppi li jkunu għexu għal ħafna snin fost l-eċċitamenti tal-propaganda, minflok ikunu għexu ħajja soċjali normali f'saħħitha.[11]

Għad li taħt il-kolonjaliżmu Ingliż il-Maltin ma rawx tortura m'hemmx dubju li dan firidhom xejn inqas mill għaqqadhom.

Kif diġà indikajt, dan lagħabhom kontra xulxin, keskishom, xtrahom, eżiljahom; għallimhom li l-ewwel il-pappa u għall-pappa tagħmel kollox; li l-ħaddiem ma riedx kultura imma ried ikun jaf imqar fuq fuq bl-Ingliż; li Malta wara kollox ma kienet nazzjon xejn u ma setgħetx ikollha rajha f'idejha; li dawk li għollew leħinhom kontra l-gvern kolonjali kienu qed idardru l-għajn li riedu jixorbu minnha; li kienu egħdewwa tal-ħaddiema dawk li waqfu kontra min kien jitmagħħom il-frak taħt il-mejda; li t-Taljan kellu jitneħħa minn Malta għax ma kienx hemm bżonnu, filwaqt li l-Malti kien meħtieġ biex il-massa tibda tifhem bl-Ingliż; li l-Isqallin kienu nies mejtin bil-ġuħ u mċerċra, il-Feniċi ma kinux Għarab u l-Maltin ġew mill-Feniċi, li dawn kienu ssettiljaw f'partijiet mill-Gran Brettanja u allura l-Maltin kienu jixbhu anki fis-sura ta' għadamhom lil popli britanniċi.

Iżda d-demm ma jsirx semm xorta waħda. Meta Malta ġiet għas-*si* u n-*no*, intlaħaq qbil fost il-maġġoranza tal-poplu favur it-talba għall-Indipendenza; kien hemm qbil fundamentali fil-prinċipju anki fost il-mexxejja tal-partiti l-kbar. Kien hemm qbil li l-jum li fih seħħet l-Indipendenza kien jum nazzjonali u storiku fis-sens l-iżjed sħiħ ta' dawn iż-żewġ kelmiet kif spjegati fid-dizzjunarji. Kien hemm ruħ Malta bid-demgħa f'għajnejha tara l-bandiera bajda u ħamra tielgħa fuq stat indipendenti għall-ewwel darba fil-21 ta' Settembru 1964, u tara fl-istess waqt lill-Ingliża nieżla. Fl-ispektrum politiku kien hemm min ried inqas, min ried iżjed, min ma ried xejn: kien hemm min iddarras, min beża', min għer, imma l-polz nazzjonali ħabbat b'ritmu mgħaġġel u supperv dak in-nhar. Min kien hemm, jaf: il-murtali splodew fih. Min għajjat "Viva Malta!" dak in-nhar, bħal ma kien għajjat Roncali f'Settembru tal-1885, jiftakar sewwa. Tifel Furjaniż ta' 16-il sena li kien hemm għadu jisma' dik l-għajta tidwi f'widnejh kwart ta' seklu wara. Mhux għax l-indipendenza tinkiseb f'jum: xejn affattu. Anzi min dak in-nhar ra xbieha ta' Malta prinċipessa riekba żiemel abjad ra żmerġ u biż-żlieġa. F'dak in-

nhar assistejna għat-twelid ta' tarbija għarwiena u maħmuġa. Imma tarbija li twieldet ħajja. Nifsejha miftuħa minn ġuf ommha. Ilfiq ta' demm sħun. Għajnejha jiddu jgħarrxu madwarha jfittxu l-wens.

Il-ħajja tibda mhux tispiċċa fit-twelid. Iktar importanti mill-kisba stess ta' l-Indipendenza kienet iż-żiffa friska ta' libertà li din inawgurat: l-eżempju dejjiemi ta' min kellu l-kmand sħiħ f'idejh u l-poter ma telagħlux għal rasu. Hu dan l-ikbar monument ta' Ġorġ Borg Olivier – monument li ż-żmien diġà ta l-parir tiegħu dwaru.

Issa din Malta ilha 25 sena li bdiet ħajjitha, timxi pass pass skoss skoss – indipendenti mill-kurunelli u l-ġenerali u mill-maniġġi tagħhom fostna, indipendenti wkoll issa mill-ġenituri xi ftit anzjani, magħġuna 'l hawn jew 'l hinn, fi żmenijiet differenti, imma mhux inqas Maltin minn ta' warajhom. Minkejja kull diżgwid, minkejja anki ċ-ċarċir tad-demm biex issir it-tifkira, sena wara l-oħra Malta baqgħet tiftakar, u tikber; infetħet; twalet; il-għadam jidher qed jissaħħaħ; għandha l-wardiet f'wiċċha.

Il-Maltin ta' għada – issa bit-televiżjoni tal-kulur, bil-video rekorder, bil-komputer u s-satelliti, iridu jħarsu b'għajnejn ġodda – l-ewwelnett lejn xulxin; u wkoll lejn id-dinja viċina u mbiegħda. It-tama hi li l-opinjonijiet u d-differenzi li juru poplu ħaj mingħajr ma jkun isteriku f'nazzjon qed jistruwixxi ruħu u jimmatura, jiġu suġġettati għall-analiżi riċerkata, kompetenti. Li l-individwu jkun ċittadin mhux sudditu, mhux iżjed misjuq f'massa bħal merħla. Daħkana mhux inqas minn qabel, dawn il-Maltin ta' għada, konvinti minn dak li jemmnu u li jagħmlu u mingħajr biża' iżjed, iridu jħallu l-fanatiżmu partiġġjan fil-ġenb quddiem drittijiet fundamentali; il-fanatiżmu għami jħalluh għal xi erbat ixjuħ fuq bank għad-dell, jew għal xi pinta kapriċċjuża wara l-marċ. Il-qasma bejn l-Ingliżi u t-Taljani se jħalluha għal-logħob tal-ballun, ġaladarba issa dawn it-tnejn huma msieħba fl-istess alleanzi u fl-istess trattati komuni, fl-istess kontinent li Malta ilha tappartjeni għalih.

RIFERENZI

1 W.K. Hancock f'*Survey of British Commonwealth Affairs*, Vol. 1, "Problems of Nationality 1918-1936", Oxford, 1937, ikkwotat fi Frendo: *Party Politics in a Fortress Colony: The Maltese Experience* (Midsea, Valletta, 1979), p.210.

2 Dwar l-Imnarja ara l-istudju editjat mill-Professoressa Denise Vernay: *L-Imnarja: Fête des Lumieres à Malte* (Parigi, 1983), b'introduzzjoni mill-folklorist ewlieni Malti, Ġuże' Cassar Pullicino.

3 Manwel Dimech (1860-1921) f' *Is-Sisien tax Xirca Maltia* (The Colonial Library, Valletta, 1913), p.39, ikkwotat wara Frendo (ara *Lejn Tnissil ta' Nazzjon*, 1971, u *Birth Pangs of a Nation*, 1972, it-tnejn stampati f'Malta).
4 Lanqas nistgħu ngħidu li din il-manija spiċċat għal kollox: biżżejjed wieħed jinnota ċerta terminoloġija li tintuża l-aktar f'ġurnal lokali bl-Ingliż, speċjalment fejn ikunu reklamati negozji ta' djar u artijiet fil-gżejjer tagħna.
5 Sir Walter Hely-Hutchinson lil uffiċjal tal-*Colonial Office*. Ara Frendo, *Party Politics in a Fortress Colony: The Maltese Experience, ed. cit.*, p.32.
6 Dwar dan ara x-xogħlijiet tal-Professur Oliver Friggieri, per eżempju *Storia della letteratura Maltese* (Milazzo, 1986).
7 Dwar dan l-incident simboliku aqra lil Frendo, *idem*, p.31.
8 Ara Frendo, p.1
9 M. Donato: *L'Emigration des Maltais en Algerie au XIXème Siècle* (Africa Nostra, Montpellier, 1985) ikkwotat wara Frendo: "Religion and Ethnic Identity in the Maltese Australian Community" f'Abe Ata (Ed): *Religion and Ethnic Identity: An Australian Study* (Spectrum, Melbourne, 1988), p.177, p.197.
10 "*Un cerimoniale di culto totale*". *Ibid.*, p.177, p.198.
11 A. E. Zimmern: "True and False Nationalism", *Nationality and Government* (Londra, 1918), p.16-17, ikkwotat wara Frendo: *Party Politics in a Fortress Colony: The Maltese Experience, ed. cit.*, p. 212. Ara wkoll *ibid.*, pp. 213-215.